**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Dicembru 2021**

**Rikors Numru: 153/2015 MLF**

**Datanet Security Systems Ltd**

**vs**

**Katya Formosa**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallsha s-somma ta' €4,810.30 rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fuq apparat elettroniku appartenenti lilha stante incident li sehh nhar l-20 ta' Frar 2012 meta hareg ilma mill-appartament tal-konvenuta u li ghalkemm giet interpellata diversi drabi, anki permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 3568/14 biex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti

   Bl-ispejjez u bl-interessi sad-data tal-hlas effettiv.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

i. Illi primarjament l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-eccipjenti ma kkawzatx danni lill-attrici, u l-prova tal-kuntrarju tinkombi fuq l-istess attrici.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollhaipprezentati.

4. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Martin Zerafa, direttur tas-socjeta’ attrici, xehed li fl-20 ta’ Frar 2012, huwa kien dahal fl-i*store* tas-socjeta’ attrici u innota li kien hemm ingress tal-ilma mill-ventilatur tal-i*store* u li kien gej mill-fond sovrastanti appartenenti lill-konvenuta. Xehed li kif ra hekk, huwa hareg fil-bitha u sejjah lill-persuni li kienu jirrisjedu fl-appartament sovrastanti. Qal li minnufih mit-tieqa ta’ dan l-appartament hareg ragel li qallu li kien ser jaghlaq xi viti fl-appartament, u wara ftit waqaf hiereg l-ilma. Ix-xhud spjega li dan ir-ragel kien qallu li kien ser jikkomunika mal-kumpanija assikuratrici dwar l-akkadut.[1]

ii. Ix-xhud kompla jghid li f’dan l-*istore* jinzamm apparat elttroniku ghal fini li dan l-apparat jigi mibjugh lill-klijenti tas-socjeta’ attrici. Spjega li minhabba l-fatt li dan l-apparat kien ixxarrab, is-socjeta’ attrici ma kinitx f’posizzjoni li tbiegh dawn il-prodotti u dan stante li ma setghetx taghti garanzija xierqa lill-klijenti taghha li dawn il-prodotti mhux ser jimmanifestaw hsara futura kkawzata direttament minn dan it-tixrib.

[1] Ara l-affidavit ta’ Martin Zerafa a fol. 12 tal-process.

iii. Martin Pizzuto, *surveyor* inkarigat mis-socjeta' assiguratrici Middlesea Insurance plc, ghamel access fl-*istore* tas-socjeta' attrici fl-24 ta' Frar 2012 fejn ikkonstata li kien sehh ingress ta' ilma mill-fond sovrastanti, u li b'konsegwenza ta' dan l-ingress kien ixxarrab apparat tas-socjeta' attrici. Fix-xhieda tieghu s-*surveyor* spjega li huwa ma kienx ghamel verifiki tekniki fuq dan l-apparat izda kien ghamel rakkommadazzjoni sabiex tali verifiki jsiru mis-socjeta' attrici biex b'hekk jigi stabbilit l-entita' tad-dannu.[2]

iv. Wara dan l-access, bdiet korrispondenza bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' assiguratrici. Is-socjeta' attrici, tramite d-direttur taghha Martin Zerafa, baghtet ittra lir-rapprezentant tas-socjeta' assiguratrici, liema ittra hija datata 30 ta' Novembru 2012 u maghha kien hemm anness lista ta' oggetti li skond is-socjeta' attrici kienet gew iddanneggati.[3] Din l-ittra kienet segwita minn skambju ta' *emails* li mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta' attrici jirrizulta li beda fl-24 ta' Jannar 2013 u ntemm fit-28 ta' Ottubru 2014. F'dan il-perjodu jirrizulta li intbaghtu seba' *emails*, erba' mis-socjeta' assiguratrici u tlieta mis-socjeta' attrici jew il-konsulenti legali taghha.[4]

v. Felix Demicoli, *Forecaster* fi hdan l-Ufficju Meterjologiku, xehed u ta' rendikont dwar l-inzul tax-xita u wkoll dwar il-qawwa u d-direzzjoni tar-rih matul il-perjodu bejn l-10 ta' Frar 2012 u l-20 ta' Frar 2012.[5]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni – Preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili*

6. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni taghha, il-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni tat-talba attrici *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

---

[2] Ara x-xhieda ta' Martin Pizzuto a fol. 43 tal-process.
[3] Ara l-ittra immarkata Dok DSS2 a fol. 16 tal-process.
[4] Ara dan l-iskambju ta' *emails* immarkati Dok DSS3 sa Dok SS7 a fol. 30 sa 39 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Felix Demicoli a fol. 65 tal-proess.

7. L-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili jipprovdi li "*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn*". Mill-provi prodotti huwa evidenti li l-preskrizzjoni eccepita hija dik applikabbli f'dan il-kaz stante li l-pretensjoni tas-socjeta' attrici effitavement hija talba ghal rizarciment tad-danni allegatament subiti b'konsegwenza ta' *culpa aquiliana*, u mhux dawk derivanti minn delitt veru u proprju jew minn inadempjenza kontrattwali.

8. Imiss ghalhekk li l-Qorti tqis minn meta beda jiddekkorri t-terminu preskrittiv f'dan il-kaz u jekk minn dik id-data sakemm giet ipprezentata t-talba odjerna kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni ta' tali terminu.

9. L-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi illi "*Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*"

10. F'dan il-kaz, mix-xhieda tad-direttur tas-socjeta' attrici jirrizulta li l-perkolazzjoni tal-ilma sehhet f'okkazzjoni wahda biss, u cioe' fl-20 ta' Frar 2012. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm ingress tal-ilma wara din id-data. Konsegwentement, il-Qorti tqis li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mill-20 ta' Frar 2012. Il-kawza odjerna giet institwita fit-28 ta' Mejju 2015, u ghalhekk wara li kien iddekkorra l-perjodu preskrittiv ta' sentejn *ai termini* ta' l-Artikolu 2153.

11. Madankollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' attrici targumenta li f'dan il-kaz kien hemm is-sospensjoni tat-terminu preskrittiv a tenur tal-artikolu 2125(d) tal-Kodici Civili li jipprovdi illi l-preskrizzjoni tkun sospiza "*kwantu għal azzjoni għad-danni, matul dak iż-żmien qabel ma ssir il-kawża li fih ikunu qegħdin isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew xi wħud minnhom jew l-assiguraturi tagħhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin*".

12. Mill-atti processwali jirrizulta li erbat ijiem wara d-data tal-incident, u cioe' fl-24 ta' Frar 2012, acceda gewwa l-i*store* tas-socjeta' attrici s-*surveyor* Martin Pizzuto u dan fuq inkarigu tal-kumpanija assiguratrici Middlesea Insurance. Jirrizulta wkoll li wara din id-data bdiet komunikazzjoni bejn is-socjeta' attrici u certa Samira Grima,

rapprezentanta tas-socjeta assiguratrici. La Samira Grima u lanqas xi rapprezentant iehor ta' din is-socjeta' assiguratrici ma tressaq bhala xhud f'dan il-kaz, pero' mill-atti jirrizultaw erba' *emails* li Grima baghtet fir-rigward ta' din il-kwistjoni, u cioe' dawk datati 24 ta' Jannar 2013 u 21 ta' Novembru 2013 mibghuta lid-direttur tas-socjeta' attrici li fiha talbitu jipprovdiha b'rapport tekniku dwar il-kagun u l-entita' tad-dannu.[6] Imbaghad tirrizulta *email* ohra datata 28 ta' April 2014 mibghuta lill-konsulenti legali tas-socjeta' attrici li permezz taghha infurmathom li l-*claim* ma setghetx tigi kkunsidrata peress li s-socjeta' attrici ma pprovditx ir-rapport tekniku mitlub. Finalment kien hemm *email* ohra datata 28 ta' Ottubru 2014 mibghuta lill-konsulenti legali tas-socjeta' attrici li permezz taghha infurmathom li fic-cirkostanzi l-*claim* ma kinitx ser tigi kkunsidrata aktar.[7]

13. Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Degiorgio et vs Twanny Moon et** deciza fil-31 ta' Ottubru 2007, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk dwar ir-riserva mahsuba f'dan is-subinciz:

" *... din il-Qorti hi tal-fehma li meta l-ligi titkellem fuq "negozjati", qed tirreferi ghal diskussjonijiet intizi biex iwasslu ghal ghan gia` maqbul, u mhux ghal diskussjonijiet jew skambju ta' korrispondenza li ghad ma jkollhomx fini determinat. Biex jinghata ezempju, jekk hemm qbil li wiehed se jixtri u l-iehor se jbiegh fond, nistghu nitkellmu fuq "negozjati" biex isir qbil fuq il-prezz u l-kondizzjonijiet l-ohra tal-bejgh, izda jekk wiehed irid jixtri u l-iehor ghad ma jridx ibiegh, id-diskussjonijiet li jkunu qed isiru ma jistghux jitqiesu bhala "negozjati" immirati ghall-konkluzjoni ta' ftehim.*

*F'dan il-kaz, jidher li ma kien hemm xejn maqbul. Is-socjeta` assikuratrici kienet biss qed titlob informazzjoni dwar l-incident u l-vettura involuta, u f'ebda stadju ma accettat responsabbilita` jew bdiet negozjati bl-iskop li jintlahaq ftehim dwar il-quantum tar-rizarciment. Ma jistax jinghad, allura, li f'dan il-kaz, kien hemm "negozjati" ghaddejjin bi hsieb li jigi konkluz ftehim.*"

---

[6] Ara dok DSS3 a fol. 30 tal-process
[7] Ara Dok DSS4 a fol. 34 tal-process

14. Applikat dan l-insenjament ghal kaz odjern, mill-korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjeta' attrici jew ir-rapprezentanti taghha u s-socjeta' assiguratrici ma jistax jinghad li kien hemm xi qbil dwar ir-responsabilita' jew il-*quantum* tar-rizarciment bejn "*il-partijiet kollha jew xi wħud minnhom jew l-assiguraturi tagħhom*". Ma jirrizultax li f'xi stadju kien hemm accettazzjoni tar-responsabilita' da parti tas-socjeta' assiguratrici jew xi qbil dwar il-finalita' ta' tali korrispondenza. Dak li jirrizulta hu li s-socjeta' assiguratrici baghtet *surveyor* fuq il-post ftit jiem wara d-data tal-incident, u talbet lis-socjeta' attrici rapport tekniku dwar l-allegati hsarat. Dan certament li ma jikkwalifikax ghal *"negozjati bejn il-partijiet"* ghal fini li tapplika r-riserva mahsuba fl-artikolu 2125(d) tal-Kodici Civili, anke ghaliex effettivament in-negozjati qatt ma bdew stante n-nuqqas tas-socjeta' attrici li tipprovdi r-rapport tekniku mitlub mis-socjeta' assiguratrici.

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li r-riserva mahsuba fl-Artikolu 2125(d) tal-Kodici Civili ma tapplikax f'dan il-kaz u konsegwentement ma kienx hemm sospensjoni tat-terminu preskrittiv.

16. In oltre, u ghal fini ta' kompletezza, il-Qorti tqis ukoll li l-artikolu 2126 tal-Kodici Civili jippreskrivi espressament li "*Il-preskrizzjoni mibdija u sospiża, tissokta timxi minnufih li tispiċċa r-raġuni tas-sospensjoni tagħha.*" Dan ifisser li anke jekk ghal grazzja tal-argument biss, wiehed iqis li kien hemm is-sospensjoni tal-perjodu preskrittiv minhabba l-korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' assiguratrici, tali sospensjoni ma tistax titqies li kienet ghal zmien indefinit, anke matul dak iz-zmien li bejn il-partijiet ma ghaddiet ebda korrispondenza.

17. Mill-atti jirrizulta li l-ewwel ittra mibghuta mis-socjeta' attrici lis-socjeta' assiguratrici kienet dik datata 30 ta' Novembru 2012.[8] Sa dakinhar kienu ghaddew disa' xhur u sebat'ijiem mid-data tal-incident. L-ewwel *email* mibghuta mis-socjeta' assiguratrici kienet dik datata 24 ta' Jannar 2013. Jirrizulta li minn meta l-korrispondenza bdiet bil-mezz ta' l-*emails* kienu jghaddu diversi xhur biex *email* mibghuta mis-socjeta assiguratrici tigi imwiegba mis-socjeta' attrici, u partikolarment:

[8] Ara Dok DSS2 a fol 16 tal-process.

a) l-*email* datata 24 ta' Jannar 2013 giet imwiegba mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Novembru 2013 – ftit anqas minn ghaxar xhur wara;
b) l-*email* datata 21 ta' Novembru 2013 giet imwiegba mill-konsulenti legali tas-socjeta' attrici fl-24 ta' April 2014 – hames xhur wara;
c) l-*email* datata 28 ta' April 2014 giet imwiegba mill-konsulenti legali tas-socjeta' attrici fis-27 ta' Ottubru 2014 – sitt xhur wara.[9]

18. Matul dak iz-zmien li fih ma kien hemm ebda forma ta' komunikazzjoni, primarjament minhabba n-nuqqas tas-socjeta' attrici li twiegeb ghal *emails* mibghuta lilha, ma jistax jitqies li jekk kien hemm sospensjoni tal-preskrizzjoni, tali sospensjoni kellha tibqa' tigi applikata anke matul dan il-perjodu ta' skiet. Is-socjeta' attrici ma tistax tiehu vantagg min-nuqqas taghha li twiegeb ghal dawn l-*emails* fiz-zmien ragjonevoli. Fil-mument li l-korrispendenza bejn il-partijiet ma baqghetx ghaddejja, tkun effettivament spiccat ir-raguni tas-sospensjoni u konsegwentement il-preskrizzjoni kompliet tiddekorri skond il-ligi. Ghalhekk meta maz-zmien li kien iddekkorra mid-data tal-incident sad-data tat-30 ta' Novembru 2012, jizdied iz-zmien kollu fejn bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' assiguratrici ma ghaddiet ebda korrispondenza, jirrizulta b'mod evidenti li fid-data meta gew intavolati l-proceduri odjerni t-terminu preskrittiv ta' sentejn mahsuba fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili kien lahaq ghadda.

19. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta attrici tissottometti wkoll illi t-trattativi bi skop ta' tranzazzjoni jiswew biex jinterrompu l-preskrizzjoni. Il-konsiderazzjonijiet suesposti dwar l-allegati negozjati li issospendew il-preskrizzjoni li kien hemm bejn il-partijiet japplikaw *mutatis mutandis* ghal din is-sottomissjoni. Il-preskrizzjoni ma gietx interrotta stante li mill-atti ma jirrizulta li kien hemm l-ebda *"negozjati"* ghaddejin bi hsieb li jigi konkluz xi ftehim.

20. *In extremis*, is-socjeta attrici tissottometti wkoll li s-sieheb tal-konvenuta irrinunzja ghall-preskrizzjoni, meta dakinhar ta' l-20 ta' Frar 2012, accetta li l-ilma niezel fil-proprjeta ta' l-attrici kien gej mill-appartament tal-konvenuta. Fl-ewwel lok jigi rilevat li s-socjeta attrici ma ipproducietx lil din il-persuna bhala xhud. In oltre, mix-xhieda ta' Martin Zerafa stess, id-direttur tas-socjeta attrici, jirrizulta li din il-persuna

[9] Din l-email giet imwiegba mis-socjeta' assiguratrici fit-28 ta' Ottubru 2014 – ara Dok DSS7 a fol. 38 tal-process

irrikonoxxiet biss illi kien hemm ilma niezel mal-hajt estern ta' l-appartament tal-konvenuta, u mhux li dak l-ilma ikkaguna hsara lis-socjeta attrici. Fit-tielet lok, sabiex ir-rinunzja tal-preskrizzjoni tkun effikaci fil-konfront tal-konvenuta, irid jigi ippruvat li din ir-rinunzja saret minnha jew minn persuna awtorizzata minnha – fatti dawn li certament ma jirrizultawx mill-atti processwali.

21. Fl-ahharnett, kif sewwa irrilevat il-konvenuta, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, anke kieku ghal grazzja tal-argument saret tali rinunzja, l-effett taghha kien ikun biss illi l-preskrizzjoni terga' tibda tiddekorri mill-bidu. La darba din l-allegata rinunzja sehhet biss dakinhar ta' l-incident, effettivament ma taghmel l-ebda differenza ghad-dekors tat-terminu preskrittiv.

22. Finalment, il-Qorti tirrileva ukoll li minkejja l-fatt li fl-avviz promotur u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' attrici taghmel referenza ghall-ittra ufficjali intavolata minnha, fl-atti ma gietx esebita kopja ta' din l-ittra ufficjali. Kien biss fin-nota ta' sottosmissjonijiet tal-konvenuta li giet indikata d-data tal-11 ta' Novembru 2014 bhala l-jum li fih giet prezentata din l-ittra ufficjali. Filwaqt li l-Qorti tqis li hija mankanti f'dan il-kaz il-prova ta' meta din l-ittra ufficjali giet innotifikata lill-konvenuta *ai fini* tal-ksur tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili, tqis ukoll li anke fid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali t-terminu preskrittiv ta' sentejn kien diga' ddekorra.

23. Konsegwentement, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq dedotti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuta ser tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda:

    1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement tiddikjara t-talba attrici preskritta.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta’ attrici.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**